**KULLEĠĠ SAN INJAZJU**
**Skola Sekondarja tal-Ħandaq, ĦAL QORMI**
**EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA 2014-2015**

# Livelli 7–8

**L-EWWEL SENA** **IL-MALTI (Il-Qari u l-Kitba)** **IL-ĦIN: Sagħtejn**

**L-Isem u l-Kunjom:** ________________________________________ **Il-Klassi:** _______

## Għall-istudent/a:

1. **Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitluba.**
2. **Ortografija, punteġġjatura, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.**
3. **Meta tlesti, erġa' ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.**

---

## GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA

### L-ISKEMA TAL-MARKI *(tikteb xejn hawn taħt)*

| Mistoqsija | A | B | Ċ(i) | Ċ(ii) | D(i) | D(ii) | Smigħ | Taħdit | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 13 | 15 | 12 | 12 | 8 | 20 | 10 | 10 | 100 |
| Marki tal-istudent/a | | | | | | | | | |

## KUMMENTI

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

## IS-SILTA TAL-FEHIM MILL-QARI

**Aqra sewwa din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet:**



David kien tifel fuq ruħu żżejjed. Ġlieda kien jikolha u mhux l-ewwel darba li dawwar argument żgħir f'daqqtejn ta' ponn. "Lili ħadd ma jagħmilli bżieq fuq imnieħri," kien iħobb jirraġuna. "Tagħtini daqqa u ntik tnejn ħalli darb'oħra taħsibha darbtejn qabel ma teħodha kontrija." *(par. 1)*

Għalhekk, David ma tantx kellu ħbieb. Ħafna ma kinux iridu jkellmuh. Ħadd ma kien irid joqgħod miegħu. David kien sar qisu gżira, maqtugħ għalih waħdu. *(par. 2)*

Nicholas, min-naħa l-oħra, kien l-oppost ta' David. Kellu qalbu tad-deheb u għalhekk kien ikun dejjem imdawwar bil-ħbieb. Kulħadd kien iħobbu. Kulħadd kien ikun irid joqgħod miegħu. Ilsienu kien ħelu daqs iz-zokkor u ħadd ma seta' jgħid xejn ħażin fih, lanqas David. Ħadd, ħlief Mark. *(par. 3)*

Xi darba Mark kien wieħed mill-ħbieb tal-qalb ta' Nicholas. Ġara iżda li darba waqt logħba futbol, kif Nicholas kien se jiskorja, Mark resaq minn warajh, ġibdu mill-flokk u tajjarlu l-ballun. Nicholas tilef iċ-ċans li jiskorja f'partita li kienet importanti ħafna. Ir-referì ma ndunax bil-fawl u ħalla l-logħob għaddej. B'hekk rebaħ it-tim ta' Mark. Nicholas tant ħadha bi kbira li qatt aktar ma ried ikellem lil Mark. *(par. 4)*

Meta Mark ra li kien tilef il-ħbiberija ta' Nicholas beda jgħir għalih. Beda jxewwex lil kulħadd kontra Nicholas. Ġieli pprova jwaqqgħu għaċ-ċajt quddiem kulħadd. Nicholas tilef ħafna mill-ħbieb li kellu għax emmnu l-gideb ta' Mark. Sar qisu gżira hu wkoll, bħal David, imwarrab kważi minn kulħadd. *(par. 5)*

Nicholas ftakar f'David. It-tnejn ma tantx kienu maħbuba u t-tnejn kienu mdejqin għax tilfu l-ħbieb. Imma waqt li David kien kattiv, Nicholas kellu qalbu tajba u qatt ma għamel deni lil ħadd. Ġralu dak li ġralu minħabba Mark li kien joboghdu. Nicholas induna li bniedem wieħed jista' jagħmillek ħajtek infern. *(par. 6)*

Għalhekk, jekk trid tgħix kuntent, tagħmilx għedewwa. Għandna nieħdu ħsieb lil xulxin u napprezzaw lil dawk ta' madwarna għax min ikun sab ħabib, ikun sab teżor! *(par. 7)*

## A. IL-FEHIM MILL-QARI **(13-il marka)**

**1.** Għaliex David kien tifel fuq ruħu żżejjed?

__________________________________________________

____________________________________________ (marka)

**2.** X'kienet ir-raġuni għala David ma tantx kellu ħbieb?

__________________________________________________

____________________________________________ (marka)

**3.** X'kellu speċjali Nicholas biex kulħadd kien iħobbu?

____________________________________________________________

_______________________________________________________ (marka)

**4.** ***Agħżel it-tajba:***

Xi darba:
- i. Nicholas kien ħabib ta' Mark. ☐
- ii. Mark kien ħabib ta' David. ☐
- iii. David kien ħabib ta' Nicholas. ☐ (marka)

**5.** Xi ġralu Nicholas meta Mark ġibdu mill-flokk u tajjarlu l-ballun?

____________________________________________________________

_______________________________________________________ (marka)

**6.** Għaliex ir-referì ħalla l-logħob għaddej?

____________________________________________________________

_______________________________________________________ (marka)

**7.** X'beda jagħmel Mark meta ra li Nicholas ma riedx ikellmu iżjed?

____________________________________________________________

_______________________________________________________ (marka)

**8.** Spjega ***fi kliemek*** dawn li ġejjin:

**a.** Tifel fuq ruħu żżejjed *(par. 1)*

____________________________________________________________

(marka)

**b.** Lili ħadd ma jagħmilli bżieq fuq imnieħri *(par. 1)*

____________________________________________________________

(marka)

**ċ.** Ilsienu kien ħelu daqs iz-zokkor *(par. 3)*______________________________

(marka)

**9.** Għamel sewwa Mark meta beda jpattiha lil Nicholas? Għaliex?

_______________________________________________________ (marka)

**10.** X'kont tagħmel int li kieku kont minflok Nicholas u tinduna li Mark qed jaqla' xi qlajjiet kontrik?

____________________________________________________________

_______________________________________________________ (2 marki)

## B. IL-GRAMMATIKA (15-il marka)

**Aqra dan il-paragrafu u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

Linja tal-ajru Olandiża impjegat ġeru li jġib l-isem ta' Sherlock, biex jgħinha tidentifika l-passiġġieri li jkunu ħallew xi oġġett warajhom fuq l-ajruplan. Sherlock, li jkun liebes uniformi blu, ixomm l-oġġetti u wara jmur ifittex lis-sidien tagħhom fl-ajruport. Il-kelb jidher jiġri fl-ajruport b'mowbajls, b'pupi u anke bi ċwievet. Sherlock ingħata t-taħriġ meħtieġ u issa tista' tgħid li sar l-istilla tal-ajruport, bi klijenti jieħdu stessi miegħu kull ħin u kull mument.

*(Silta adattata mis-sit* newsbook.com.mt*)*

**1.** Ikteb il-kliem b'linja taħtu wara xulxin skont l-ordni alfabetika.

____________________ ____________________ ____________________ ____________________

(2 marki)

**2.** Mill-paragrafu sib kelma li **tibda**

i. b'konsonanta ratba: __________________________ (marka)

ii. b'konsonanta qawwija: __________________________ (marka)

iii. b'konsonanta qamrija: __________________________ (marka)

iv. b'konsonanta xemxija: __________________________ (marka)

v. b'konsonanta likwida: __________________________ (marka)

**3.** Ħdejn kull kelma hawn taħt, ikteb jekk il-vokali **i** hijiex **tal-leħen** jew **tal-kelma**.

i. l-**i**stilla: ______________________________________ (marka)

ii. **i**mpjegat: ______________________________________ (marka)

iii. **i**l-kelb: ______________________________________ (marka)

**4.** Daħħal **l-artiklu** f'dawn is-sentenzi.

Sherlock huwa ____kelb li jaħdem fuq il-linja tal-ajru Olandiża. Dan dejjem jara li jfittex ____sigurtà tal-passiġġieri.

(marka)

**5.** Agħti l-**Mamma** u l-**Għerq** ta' dawn il-verbi.

| | IL-VERB | IL-MAMMA | L-GĦERQ |
|---|---|---|---|
| **i.** | ixomm | | |
| **ii.** | jgħinha | | |

(4 marki)

## Ċ(i) IL-LETTERATURA: IL-POEŻIJA - **Nadriet 1** ta' Tarċisju Zarb (12-il marka)

**1.** Din hija silta mill-poeżija **San Franġisk u l-Gamiem** ta' **Ġużè Delia.**



**Baqa' jħares it-tfajjel – bħal wieħed**
**Quddiem Anġlu tas-sema, miblugħ**
**Dak il-kliem daħal, niżel ġo qalbu**
**Hekk bil-qawwa li baqa' mirbuħ.**

**a.** Kemm-il sillaba fihom il-versi ta' din l-istrofa u x'jissejħu?

__________________________________ ______________________________________

(marka)

**b.** Xi nsejħulha r-rima li qed iħaddem il-poeta f'din l-istrofa? __________________________

(marka)

**ċ.** Għal min qed jirreferi l-poeta meta jikteb ***'Anġlu tas-sema'***?

____________________________________________________________________________

(marka)

**d.** X'talab dan mit-tfajjel?

____________________________________________________________________________

(marka)

**e.** X'ried ifisser il-poeta bil-kliem tat-**<u>tielet vers</u>**?

____________________________________________________________________________

(marka)

**2.** Fil-poeżija **Il-Bikja tal-Buskett** ta' Oliver Friggieri**,** il-poeta qed jimmaġina li kellmitu ________________________________.

**3. Tifħira lil Malta** ta' Ġan Anton Vassallo hija poeżija _____________________________ peress li l-poeta qed ifaħħar lil Malta. Hu jikteb li f'Malta nsibu l-itjeb frott bħal- __________________ u l- ________________ kif ukoll l-oħla _________________ li ma ssibx aqwa minnu jekk iddur id-dinja kollha.

**4.** Fil-poeżija **Il-Ħolma t'Alla** ta' Anton Buttigieg**,** il-poeta jqabbel lil Alla l-Ħallieq ma' ______________________. Għalhekk iħeġġiġna biex meta mmorru fil-______________________ nimxu bis-skiet u l-qima.

(marka l-waħda = 7 marki)

## Ċ(ii) IL-LETTERATURA: IL-PROŻA - Zito Zandarell ta' Carmel G. Cauchi (12-il marka)

**A. Kompli dawn is-sentenzi dwar l-ewwel laqgħa tat-tfal ma' Zito.**



**1.** Stefan u Melissa kienu qegħdin jilagħbu bil-ballun____________________________

**2.** Stefan ixxuttja l-ballun u dan spiċċa ________________________________________

**3.** Meta marru jġibu l-ballun, Melissa rat ______________________________________

**4.** Mis-siġra nstema' ____________________________________________________

(marka l-waħda = 4 marki)

**B. Wieġeb:**

1. Taħseb li Salvina kienet iddejjaq il-familja Debono? Għaliex?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

2. Kif kienet tilfet id-dawl t'għajnejha Katya?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

(2 marki l-waħda = 4 marki)

**Ċ.** ***Zito jmur l-iskola… is-Sur Portelli… is-Sur Vassallo…il-ġlieda ta' bejn Stefan u Hector… Zito jiddefendi!*** Ikteb madwar **60 kelma** fuq dawn il-punti minn dak li qrajt mill-ktieb Zito Zandarell ta' Carmel G. Cauchi.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(6 marki)

## D(i) IL-KITBA FUNZJONALI (8 marki)

Nhar il-Ħadd li għadda mort tiekol f'restorant mal-familja tiegħek iżda ħriġt iddiżappuntat/a mill-ikel u mis-servizz. Ikteb ittra formali ta' madwar **60 kelma** lil sid ir-restorant biex turi l-ilmenti tiegħek.



Uża dawn l-indirizzi.
L-indirizz tiegħek huwa: **Merħba, Triq il-Ħamiem l-Abjad, Ħal Kbir.**
L-indirizz ta' fejn ser tibgħat l-ittra huwa:
**Ikel tajjeb, Triq il-Baħar l-Imqalleb, Wied il-Għajn.**

## D(ii) IL-KOMPONIMENT **(20 marka)**

Aqta' linja taħt **<u>wieħed</u>** mit-titli li jolqtok u ikteb komponiment ta' madwar **200** kelma fuq karta separata.

1. Kien is-Sibt filgħaxija meta sibt ruħi waħdi d-dar u f'daqqa waħda nqata' d-dawl! Kompli din l-istorja...
2. Ilbieraħ rajt film li tassew għoġobni u ser nissuġġerih lil sħabi kollha tal-klassi!
3. Immaġina li ġejt mistieden/mistiedna biex tippreżenta serata finali tal-kant fejn kien hemm mistednin nies distinti. Kif ħassejtek dakinhar? Min kien preżenti? Fl-aħħar tawk xi rigal?

**PJAN TAL-KOMPONIMENT: Spazju biex tagħmel il-pjan tal-kitba tiegħek.**